Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 219 / 2018

Il-Pulizja

Vs

*Omissis*

Illum 14 ta' Mejju, 2020,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta, *Omissis* detentrici tal-karta tal-identita Maltija 98673M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn is-26 t' Awwissu, 2017 u s-27 t' Awwissu, 2017, gewwa Triq Fisher, l-Imgarr:

1. Hebbet ghall-*Omissis* u *Omissis* u kkagunat griehi ta' natura hafifa fuq l-imsemmija persuna, hekk kif iccertifikat Dr. Thea Chetcuti (Med Reg: 3330).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-27 t' April, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 221(l) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmija imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien xahrejn.

Dik il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta *Omissis*, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Mejju, 2018, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **THASSAR U TANNULLA** s-sentenza appellata billi **TIDDIKJARA** l-istess sentenza nulla u bla effett; jew fin-nuqqas ta' dan,

**TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi **THASSARAHA U TIRREVOKAHA** fil-htija tal-imputazzjonijiet u minflok tiddikjaraha mhux hatja taghhom u konsegwentement tilliberahah minnhom.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsisti fis-segwenti:

ILLI l-esponenti appellanta ser tkun qedha tinterponi dan l-umli appell kemm min-nullita' tas-sentenza u kemm mill-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti.

**Nullita' tas-Sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti**

L-appellanta preliminarjament tissottometti illi s-sentenza moghtija fil-konfront taghha hija nulla u bla effett u dan peress illi fl-ewwel lok l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellanta hatja ai termini tal-artikoli tal-ligi specifikata minnha izda naqset milli timmotiva l-imsemmija sentenza.

Ghaldaqstant, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali meta tat is-sentenza fil-konfront tal-appellanta naqset milli tiddikjara l-motivazzjoni ossia l-fatti ghaliex u kif waslet ghas-sentenza taghha fil-konfront tal-appellanta.

L-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li meta l-Qorti tippronunzja s-sentenza:

***"ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."***

ILLI l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Benjamino Camilleri et irriteniet illi:

> *L-Artiklu 382 tal-Kap 9 jghid li l-Qorti meta taghti s-Sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-Artiklu ta' dan il-Kodici jew kull Ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat. Hija konsegwenza logika illi meta fis-Sentenza taghha l-Qorti tghid il-fatti li dwarhom l-imputat ikun gie misjub hati trid tirreferi ghall-imputazzjonijiet illi*

*jkunu gew dedotti kontra tieghu <u>u dawn il-fatti</u> jridu jirreferu ghal dawn l-imputazzjonijiet.*

Inoltre, l-istess Qorti fil-kaz **<u>Il-Pulizija vs. Keith Pace</u>** irriteniet illi:

> *Issa kif gie ritenut f' gurisprudenza kostanti sentenza tal- Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali <u>li ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta' liema fatti sabet lill-imputat hati</u>, jew meta minnha ma jirrizultax car ta' x' hiex l-appellant gie misjub hati , jew meta f' kaz ta' imputazzjonijiet alternattivi, l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati bla ma tghid ta' liema miz-zewg imputazzjonijiet hu hati u ghalhekk jigi li l-Qorti ma qalitx ta' x' hiex sabet lill-imputat hati, jew meta ma tghid xejn dwar akkuza partikolari, hija nulla u jekk il-kawza tigi appellata, il-Qorti tal-Appell tiddikjara n-nullita' tas-sentenza. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Francis Aquilina"[26.11.1960]; "Il-Pulizija vs. Frans Portelli" [3.2.1992] ; "Il-Pulizija vs.Piju Gafa' " [18.4.1959] ; "Il-Pulizija vs. Generoso Sammut" [13.10.2004] u ohrajn.)*[...]

ILLI s-sentenza appellata hija karenti minn dan l-element, is-sentenza moghtija fil-konfront tal-appellanta hija irrita u ghandha tigi dikjarata nulla stante illi l-ewwel Onorabbli Qorti tal-Magistrati ma segwietx d-dettami ta' l-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**A. <u>Nuqqas ta' Apprezzament tal-Provi mill-Ewwel Qorti</u>**

L-appellanta tishaq b' certu konvinzjoni u temmen li mhux seww li uliedha s-subien li hija taf kif rabiethom bhal ma rabbiet lill-ohthom li tirrisjiedi maghha, ghandhom jaslu biex jigbu fuqha ... mhux tort taghhom izda tort ta' zewgha il-missier li kien u ghadu jinstiga lill-uliedhom is-subien li ormai illum jirresjiedu mieghu ... u kif manifestmanet jirrizulta mic-*cctv footage*, li kien ipprezentat quddiem l-Ewwel Qorti, uliedha subien jidhru jagixxu fil-konfront taghha u bi sfida [u inkejja] cara, bhala "rascals";

ILLI c-*cctv footage* jikkontrasta seww max-xhied li taw l-istess ulied permezz ta' *video conference* mizmuma mill-Magistrat sedenti tal-Ewwel Qorti ... u cioe' filwaqt li fil-*video conference* l-ulied jaghtu impressjoni li huma ' hrief' , mentri li mis-*cctv footage* jirrizulta li zgur m' humiex ' hrief' [!]

ILLI di piu' , fl-opinjoni tal-appellanta, l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tal-verzjonijiet kontrastanti bejn il-film u x-xhieda mightij mill-ulied meta l-agir tal-ulied juri bic-car li altru milli huma kapaci li jaslu biex jipprovokaw lill-appellanta omm li kif gja gie spjegat u li taf fic-cert li mhux it-tort taghhom izda ghaliex gew indottrinati [billi gew imweghda xi haga jekk jagixxu kif agixxu] minn missierhom[!]

Fil-fehma tal-appellanti, l-Ewwel Onorabbli Qorti dunque ma kellha qatt issib htija kontra taghha.

F' dan ir-rigward jinghad, illi ghalkemm appelli mill-apprezzament tal-provi, huma odjuzi, u dan peress illi Qorti ta' Appell, normalment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, **fil-kaz odjern, dan huwa necessarju, peress illi huwa manifest illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt, *safely* u *satisfactory* tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha.** Ghalkemm il-gurisprudenza f' dan ir-rigward hija wahda kopjuza, se jigu citati xi kazijiet illi jispjegaw car, meta l-Qorti tal-Appell ghandha tissindika d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Onorabbli Qorti f' dak li huwa apprezzament ta' provi.

Fil-kaz **il-Pulizija v. Noel Buhagiar**, deciza fl-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) fl-Appelli Inferjuri, il-Qorti spjegat hekk:

> Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi.

L-istess intqal mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Epifanio Azzopardi**[1], **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et[2]"**;**"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud[3]"; "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra[4]" .**

---

[1] Deciza fit-30 ta' Marzu, 2017 mill-Qorti tal- Appelli Kriminali
[2] Deciza fit-12 ta' Mejju, 1994 mill-Qorti tal- Appelli Kriminali

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper"** (1969):

> *court will be very reluctant to interfere with the jury' s verdict (*f' dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution' s evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also: BLACKSTONE' S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392).

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti huma s-segwenti:

1. Illi l-appellanta ghandha tlett ulied, u cioe' zewg subien u tifla. L-appellanta u missier l-ulied ghaddejjin minn separazzjoni personali;

2. Illi fis- 26 ta' Awissu 2017 it-tlett ulied li kienu jirrisjedu mal-missier kienu marru ghand l-omm ghall-access;

3. Il-minuri subien allegaw li fl-access li sehh bejn is-26 u s-27 ta' Awwissu, 2017 ommhom kienet sakrithom gewwa u kienet sawtithom diversi drabi;

4. Dwar dawn il-jumejn gew ipprezentati filmati ta' CCTV li ttiehdu fid-dar tal-appellant, liema filmati gew ipprezentati fl-atti kemm mid-difiza u uhud minnhom anke mill-parte civile;

5. Illi gew ipprezentati ceritifkati medici rilaxxati fis- 27 ta' Awissu 2017 fil-konfront taz-zewg minuri subien;

6. Illi ghalhekk inharget l-imputazzjoni fil-konfront tal-appellanta.

---

[3] Deciza fil-11 ta' Lulju, 1994 mill-Qorti tal- Appelli Kriminali ;
[4] Deciza fl-10 ta' Mejju, 2002 mill-Qorti tal- Appelli Kriminali

Illi din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghas-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fl- 20 ta' Novembru 2018 fejn il-Qorti kienet cahdet l-eccezzjoni mressqa mill-Avukat Generali dwar in-nullita' tal-appell kif ukoll l-ewwel aggravju tal-appellanta rigwardanti n-nullita' tas-sentenza appellata. Kienet ghalhekk ordnat il-prosegwiment tal-kaz. Din il-Qorti sejra ghalhekk tqis it-tieni aggravju mressaq mill-appellanta rigwardanti n-nuqqas ta' apprezzament tal-provi mill-Ewwel Qorti.

Illi l-appell tal-appellant huwa bbazat fuq l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca**[5]:

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[6]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [7]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[8]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[9]" u ohrajn.'* (Emfazi mizjuda u dati tas-sentenzi miktuba bhala referenza hawn isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

L-appellanta tissottometti fl-appell taghha li mhux sew li uliedha s-subien li hija taf kif rabbiethom bhal ma rabbiet lill ohthom li tirrisjedi maghha, ghandhom jaslu biex

[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 1994;
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Frar, 1989;
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju, 1991;
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju, 1991;

jigdbu fuqha, li mhux tort taghhom izda tort ta' zewgha il-missier li kien ghadu jinstiga lil uliedhom is-subien li ormai illum jirrisjedu mieghu. Tissottometti li mic-CCTV footage li pprezentat, uliedha subien jidhru jagixxu fil-konfront taghha u bi sfida u inkejja cara bhala '*rascals*'. Li CCTV footage jikkontrasta sew max-xhieda li taw l-istess ulied permezz tal-*video conferencing* fejn taw impressjoni li huma hrief, mentri li mis-CCTV footage jirrizulta li zgur mhumiex hrief. Tissottometti li l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tal-verzjonijiet kontrastanti bejn il-filmat u x-xhieda moghtija mill-ulied meta l-agir tal-ulied juri bic-car li altru milli huma kapaci li jaslu biex jipprovokaw lill appellanta omm u li mhux tort taghhom izda gew indottrinati billi gew imweghda xi haga jekk jagixxu kif agixxu minn missierhom. Taghmel referenza ghall-insenjament ta' din il-Qorti li mhux normalment li tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti izda ticcita sentenzi meta l-Qorti tal-Appell ghandha tissindika d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'dak li huwa apprezzament ta' provi.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha ma tat l-ebda motivazzjoni abbazi ta' liema sabet lill-appellanta hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha u ghalhekk din il-Qorti sejra tqis il-provi saljenti mressqa sabiex tiddetermina jekk l-Ewwel Qorti kelliex issib htija ta' din l-imputazzjoni. L-appellanta giet akkuzata li bejn is-26 u s-27 ta' Awissu 2017 hebbet ghal *Omissis* u *Omissis* u kkagunat griehi ta' natura hafifa fuq l-imsemmija persuna kif iccertifikat Dr. Thea Chetcuti Meg Reg 3330. Giet ipprezentata affidavit ta' WPS 224 Susanne Mifsud fejn permezz taghha ddikjarat li Omissis fit-28 ta' Awissu 2017 ghal habta ta' 21:30hrs irraporta li '*zewg uliedu kienu qalulu illi waqt l-access kollhu huma ma hargux minn god-dar ghaliex kienu punishment u ommhom Maria Victoria sawwtithom ghal diversi drabi hekk kif qalulu t-tfal tieghu.*'. Hemm imnizzel li '*Omissis qal illi lit-tifel iz-zghir Omissis ta*' *10 snin qallu illi kienet imbuttatu fil-garaxx u wegghedtlu dar, imbuttatu ghal darba ohra fejn il-bieb tal-garaxx u gie mal-art fejn it-tarag u anke sahanistra habat rasu mat-tarag u beda jibki u baqghet twaqqghu ghac-cajt waqt li qed jibki u baghet ittih u imbuttatu wkoll fil-kamra waqt li kienu msakkrin f'kamarthom u tajritu ghan-naha l-ohra tal-kamra, kif ukoll fil-kamra tal-banju fejn Omissis harab sabiex jaghmel toilet u fethet il-bieb bis-sahha u tajjret lil Omissis u gie mas-shower basket u mas-shower fejn Omissis wegga daru u qal ukoll illi f'xi post fid-dar Maria*

*Victoria kienet qabditu minn spalltu u rasu u mekietu mal-art. Dan kollu gara waqt diversi hinijiet tul l-access.'*

Fl-istess affidavit gie dikjarat ukoll li '*Omissis zied jghid ili t-tifel il-kbir Omissis ta' 15-il sena qallu illi waqt li kienu fil-garaxx kienet imbuttatu u tefghatu ma' hajt, kif ukoll meta Omissis kien fuq fuq il-pultruna kienet tefghetu mal-art mill-putruna ghal isfel, f'hin iehor taghtu daqqa ta' harta u tajjritlu n-nuccali fejn barra minn hekk tul l-access kienet imbuttatu ghal diversi drabi. Ta' min jirrimarka wkoll illi dan kollu gara waqt driversi hinijiet tul l-access.*' F'din l-affidavit saret referenza ghac-certifikati medici prezentati.

Fl-istess affidavit tnizzlet il-verzjoni tal-appellanta *Omissis* fejn qalet li '*nhar is-Sibt 26/08/2017 fejn uliedha s-subien ma ridux jinhaslu wara li kienu ghadhom kif gew mill-bahar u dahlu fil-kamra taghhom u marret tkellimhom fejn tghathom kwarta cans biex jiddecidu x'ha jghamlu u telqet. Kif ghaddiet il-kwarta marret tkellimhom fejn baqghu jinsistu li ma rridux jinhaslu fejn qalulha li hi ma tikmandahomx u telqet 'l hemm u ssakru fil-kamra taghhom fejn poggew xi oggetti wara l-bieb biex minnbarra ma tiftahx fejn bdiet tmur spiss ticcekjhom fejn minn gol hgieg tal-bieb setghat tarhom jiccaqalqu fejn f'hin minnhom hallitilhom fan wara l-bieb u dahluh fejn bdew jirrifjutaw l-ikel u x-xorb u baqghu hemm fejn bdiet tisma' certu hsejjes u indunat li kienu rabtu xi affarijiet mall-fan biex joqghod iccekcek fejn gholliet ftit lehina biex jieqfu jilghabu mad-dawl. Fejn hija marret fil-kcina u meta deherilhom tfew kollox dahlu jorqdu. L-ghada fil-ghodu l-Hadd 27/08/2017 x'hin qamu wiehed minhom harget it-toilet u rnexxielha tithol fil-kamra taghhom fejn harget 'l barra xi kaxxi kbar li bihom kien qed izommu l-bieb bihom fuq gewwa fejn baqghu jirrifjutaw li jieklu u jixorbu kif harget bil-kaxxi, iz-zewg uliedha subien hargu ghal gol karma tas-salott qadu s-sufanijiet u l-'coffee table' u tefghuhom wara l-bieb biex hi ma tkunx tista tithol fil-kamra tas-salott.*'

Tnizzel ukoll li '*Hija kompliet li wara semghathom jifthu l-bieb tal-bejt fejn kien hemm xi qraba li kienu ghadhom kemm waslu mill-Autsralia fejn talbet lil wiehed mill-qraba taghha sabiex jitlaq' minn gol bitha nterna bis-sellum biex jghamel il-bricks mall-bieb tal-bejt fuq in-naha ta' barra fejn kif lesta s-sellum thalla miftuh mal-hajt l-iehor li ma setghax jigi milhquuq mit-tfal fejn bdew jisimhuhom jimbuttaw il-bieb u fethuh xorta fejn sabu xkupa minn fuq il-bejt fejn biha pruvaw jilhqu s-sellum ghan-naha taghhom u hi hadet is-sellum u bdiet tghalqu fejn binha z-zghir kellu flixkun hand cream u beda jitfa l-cream fuq rasha fejn wara sabu habel fuq il-bejt fejn binha l-kbir beda jipprova jaqbad is-sellum bih li kien mghaluq. Fejn*

*wara hi dahlet 'l gewwa peress li bdiet tibza li uliedha ser jaqghu fejn semghathom li kienu nizlu fejn spiccat toqghod fil-kurritur biex tara x'kienu qed jghamlu fil-bitha u fil-kamra tas-salott. Hija sostniet li uliedha baqghu jirrifjutaw l-ikel u x-xorb u x'hin tmur tipprova tkellimhom bdew jisprenjaw id-deodorants go wiccha u f'hin minnhom hargu bhalli kieku 'they give up' u it-tifel it-tifel iz-zghir kellu zewg shower gels f'idejh li xerridhom fil-kurritur u mat-tarag u t-tifel il-kbir kellu back bag wara daru bdew nezlin it-tarag u hi bdiet nizla warajhom fejn uliedha regghu telghu fuq fejn it-tifel il-kbir prova jiehu t-telefon cellulari minn idejn ommu filwaqt li binha iz-zghir kellu l-fwieha u beda jisprejna f'ghajnejha fejn dak il-hin incidentalment rifset lil xi hadd minnhom fejn wara dahlu fil-kamra taghhom u f'hin minnhom it-tifel iz-zghir mar it-toilet u hi marret warajh u stennietu barra u x'hin harget regghat offrietlu l-ikel u baqa jirrifjuta fejn hatfilha l-mobile minn idejha peress li kellu xi haga fuq ix-xoffa u kienet set tigbet ritratt fejn dak il-hin irnexxilha tahrab tigi warajh u tithol fis-salott u haditlu l-mobile u bdiet tirrabja maghhom biex inaddfu l-hmieg li kienu ghamlu fil-kurritur, fis-salott u l-karma taghhom fejn binha z-zghir qabad wahda mil-flip flop tieghu u prova jghati lilha biha fejn hi minn naha taghha rnexxilha tohodielu minn idu u tefghata fil-kurritur u regghu issakru u regghu hargu ghal diversi drabi u f'hin minnhom binha z-zghir harget u dahal fil-kamra tal-banju u wara mar binha l-kbir u beda jghid lil huh iz-zghir beix juza s-sellum jaqbez minn got-tieqa fejn hi qalet lil binha z-zghir 'ghalfejn trid taqbez mit-tieqa tista tohrog mill-bieb minn hdejha' fejn binha z-zghir qal li hu xi haga u hargu mill-bieb u regghu marru jissakru gewwa.'*

F'din l-affidavit tnizzel ukoll li '*Hija kmpliet li fuq is-sufanijiet kien hemm zewg pakketti tac-cerali miftuhin, flixkien tal-lumintata vojta li kienu sabu fuq it-tarag tal-bejt li jfisser li kienu trejqu.*'

Gie mnizzel ukoll li '*Hija kompliet f'hin minnhom uliedha nizlu 'l isfel hargu gol garaxx u bdew inizlu l-firolli tal-bieb tal-garaxx biex jifthu l-bieb u jaharbu fejn hi minn naha taghha pruvat izzommhom u tressaqhom 'l gewwa fejn f'hin minnhom it-tifel il-kbir imbuttatu ftit u waqghalu n-nccali fejn hi qabdet in-nuccali u wadbitu go l-intrata biex t-tifel imur ghalih u tilhaq tiehu t-tifel iz-zghir u tohroghom minn gol garaxx.*'

Spjegat ukoll li '*qabel uliedha bdew jipprovokawha billi tefghulha z-zejt, iqattghu l-geblow u jitfghu gol karozza u sabu l-ispare key tal-karozza u bdiet tigi biex tehodoha u xi arlogg. Hija kompliet li baqghad tinsisti li uliedha kellhom inaddfu kollox u jizbarazzaw fejn telghu inaddfu u jizbarrazzaww u fl-ahhar sabu tlett frames fejn bdew izarmawhom wiehed wiehed u*

*bdiet tibza li kienu ser jweggu bl-hgieg u hadet tnejn minnhom u l-iehor hadu binha z-zghir u beda jitfghu tahtu fejn regghu nizlu isfel u tfew il-main tad-dawl u jghamlu kummiedji ohra, sakemm gie missierhom.'*

Fl-istess affidavit tnizzel li '*Nhar 31/08/2017 gal habta ta' 22:00hrs Omissis ID:0098673M irrapurtat gewwa l-ghassa tal-Mosta fejn stqarret li nhar 29/08/2017 waqt li uliedha kienu waqt l-access u kien hemm prezenti is-supervisor iz-zewg uliedha subien talbu lis-Supervisor biex ikellmuha privatament fejn wara li kellmuha marru fil-kamra tal-kcina flimkien mas-Supervisor fejn ommhom staqsiethom fejn huma l-griehi li ghandhom fejn binha l-kbir uriejha girfa zghira fuq idu u hi qaltlu dik li ghandek fejn qalilha li anke fuq spaltu ghandu u qaltlu biex inehhi l-flokk biex tara s-Supervisor u z-zewg uliedha telqu 'l hemm fil-kamra taghhom u s-Supervisor marret warajhom u xorta ma ridtx inehhi l-flokk fejn minn naha taghha s-Supervisor hadet nota.'*

Tnizzel ukoll li '*Nhar 07/09/2017 sar kuntatt ma l-Agenzija Appogg fejn intalbet l-assistenza sabiex il-minuri jigu mitkellma mill-pulizija fil-presenza ta' social worker minflok fil-presenza ta' wiehed mill-genituri taghhom, liema assistenza baqghat ma nghatax*.'

Gie pprezentat rapport tal-Pulizija a fol 35 et sequitur.

Gew ipprezentati zewg certifikati medici u cioe' wiehed rigwardanti *Omissis* u iehor dwar *Omissis*. Gew ipprezenti ukoll numru ta' CDs u *pendrive* b'filmati ta' CCTV li din il-Qorti sejra tikkummenta dwarhom aktar il quddiem f'din is-sentenza. Quddiem l-Ewwel Qorti xehdu ukoll il-minuri *Omissis* u *Omissis* u anke Omissis u Luana Pace, din ix-xhieda ma hijiex traskritta u ghalhekk din il-Qorti regghet semghet lil dawn ix-xhieda.

Il-minuri ***Omissis*** fis-seduta tat-23 ta' Lulju, 2019 xehed permezz tal-procedura tal-*video conferencing* quddiem din il-Qorti fejn spjega li ilu ma jara lil ohtu kwazi sena u lanqas kuntatt ma l-omm ma ghandu. Xehed li '*dakinhar meta dħalna għall-aċċess ommi bħas-soltu kienet firskjatna biex tara jekk dħalniex b'xi mowbajl jew hekk għax dejjem kienet teħdulna biex qatt ma jkollna kuntatt ma' barra u hekk u qisu mill-ewwel bdejna nindunaw li kien ġej xi trouble għax mas-sekonda li rrifjutajna biex imorru ninħaslu qaltilna ħa tissakru ġewwa u daqshekk ... just ħa toqogħodu hawn waqt li oħtkom toħroġ ma xi ħadd lanqas spesifikat. Jiġifieri qisha biex tħallina fid-dlam biex ma nkunux nafu x'ser jiġri u qisu mbagħad minn hemm hekk beda trouble kollu.*' Spjega li marru ghall-access ma' ommhom

wara nofsinhar flimkien ma' ohthom. Telghu fuq u wara li dahlu fil-kamra qaltilhom biex imorru jinhaslu u qishom rrifjutaw biex jinhaslu u bdiet tghajjat maghhom, tghidilhom biex jinhaslu u xorta ma semghux u qaltilhom li se ssakarhom d-dar u ma jistghux imorru imkien. Ma nhaslux u hi harget mill-kamra '*u aħna bil-biża' li ser tagħmlilna xi ħaġa just issakkarna*'. Dak il-lejl baqghu msakkrin jigifieri fis- 26. Spjega li '*Kienet tiġi per eżempju kemm il-darba tgħidilna ... qisu tgħidilna żgur ħa tibqgħu hemm u qisha biex tipprovokak biex tagħmel xi ħaġa. Anke per eżempju kienet tgħidilna biex niġu nieklu u aħna konna smajna z-zijiet ukoll kienu ġejjin u għedna forsi din kienet ser tkun xi trappa per eżempju biex forsi toħroġna mill-kamra.*' Jghid li z-zijiet kemm il-darba wegghuhom u qalulhom xi affarijiet bhal ezempju ziju qallu li meta jghalaq tmintax jigi ghalih u li darba kienu fargu lil huh. Jghid li fis- 26 jigifieri dak in-nhar ommhom ma ghamlitilhom xejn. Raqdu fil-kamra u l-ghada fis- 27 jghid li '*Jiena kont ħriġt biex immur sal-bathroom u mbagħad hi kienet semgħatni noħroġ u kienet daħlet ġol kamra u kienet qisha sfurzat il-bieb biex nidħol u anke jista' jkun li weġġa' lil ħija mhiniex ċert.*' Kien fil-bathroom u mar fil-bedroom u sab lil ommu hemm u '*kienet qisha qegħda toħroġ mill-kamra b'mod aggressiv.*' Spjega li '*Għax l-ewwel kienet set tiġbidna l-barra, mbagħad qisha wara li qatgħet qalbha minn hekk kienet reġgħet ħarget qisha bin-nervi ... dak li kien ġara dakinhar. L-aktar ġravi narahom jiena meta provajna ninżlu isfel biex naħarbu għax ma ridniex nibqgħu hemm aktar. Allura meta ġrejna għal isfel fil-garaxx u kien hemm kullimkien magħluq u msakkar erġajna pruvajna nitilgħu fuq u hemm hekk fejn kienet qisha fejn kienet qed tagħtina ġo wiċċna bil-mowbajl.*'

Spjega li '*Kienet tiġi bil-mowbajl ma' wiċċek biex qisha tipprovokak hekk u mbagħad hemm hekk jiena fejn provajt naqbdilha l-mowbajl biex inneħħiħ minn quddiem wiċċi u qabdet tagħtini bis-sieq, imbagħad kien ġie ħija wkoll biex qisu jgħini nżommha mill-tagħtini aktar u hemm hekk fejn qisu ... morna għal ġol bathroom biex qisu naħarbu minnha u hemm hekk ukoll fl-istess post ukoll fejn lili sabtitni mall-bieb u lil ħija kienet tajritu mall-art ... u imbagħad aħna erġajna pruvajna naħarbu minnha imma jiena qisu nżomm il-bieb u ħija qisu joħroġ il-barra jiġri miegħi, hemm fejn qisna erġajna ssakkarna fil-kamra għalaqna l-kuritur. Minn hemm imbagħad ma ġrietx warajna. Imbagħad aktar tard fil-ġurnata mbagħad ħija kellu bżonn imur sal bathroom u hemm hekk wara li kien ħareġ mill-bathroom kienet qiegħda tiġri warajh u jiena ma kontx naf għala u mbagħad wara li kien kważi daħal ħdejn il-kamra kienet ġiet tiġri warajh sparata tajret il-bieb fejn waqgħet lili u anke lilu u kienet qabdet qisha*

*tigranfaħ biex tieħu l-mowbajl minn għandu li kellu hu. Imbagħad qisu minn hemm hekk just ħaditilna l-affarijiet li konna qed nużaw biex ngħaddu l-ħin per eżempju kien hemm xi kotba li konna naqraw qabdet iggranfathom minn għandna u ħadithom. Apparti minn hekk kienet reġgħet tagħtna biex immexxu l-affarijiet fejn kienu. Kien hemm mumenti oħra fejn erġaajna nżilna fil-garaxx u kienet tefgħatna minn ġol bieb li kien qed jifred il-kuritur ta' bejn it-taraġ u l-garaxx u hemm hekk fejn kienet tagħtni daqqa ġo rasi ukoll u kienet mgħeket lil ħija mal-art jiġifieri.'*

Jghid li minghalih li marru ghand tabib, ma jiftakarx sew jghid li tant kien hemm minn dawn li bilkemm jiftakar izda gieli marru ghand tabib privat. Mistoqsi jekk jiftakarx liema *polyclinic* wiegeb li jahseb tal-Mosta. Jahseb li huma c-certifikati muriha lilu. Huwa gie muri numru ta' ritratti li jinsabu go envelope kannella anness mac-cetifikat mediku mahrug f'ismu u filwaqt li gharaf lilu nnifsu, lil huh u lil ommu spjega kull ritratti x'jirraprezenta fosthom jghid li l-omm bdiet taghtihom bis-sieq u zzomm lil huh mal-bieb, l-omm timbottahom, jghid li l-omm qelbet lil huh, kompliet tkaxxkru u provat ssakar il-bieb, jiddiskrievi certu ritratti bhala li sabtitu mal-hajt, qabdet taghtih bis-sieq, rifsitlu saqajh, u jghid ukoll li kienet se titftghu mit-tarag ghal isfel izda umbaghad jikkjarifika li seghet kienet qieghda zzommu, ma jiftakarx ezatt.

Meta mistoqsi x'feriti soffra dakinhar spjega li '*Jiena kont weġġajt fuq dahri niftakar li kelli bruises żgħar fuq għonqi, anke rasi kont ħbat kemm il-darba ... anke din l-ispalla per eżempju weġġajt naqra.*' Ikkonferma li l-ispalla tax-xellug. Jghid '*meta kont per eżempju ħbatt kemm il-darba ma' ħitan u bibien ... dawk li niftakar.*' Mistoqsi dwar dak imnizzel fic-certifikat mediku, wiegeb li minghaliih, mhuwiex cert pero' jahseb. In kontro-ezami mistoqsi jekk intuzax xi driller jew xi haga hekk wiegeb li huh qabad id-driller izda kien antik u ma kienx jahdem. Kien plaggjah imma ma kienx jahdem. Jghid li huh kien qieghed hdejn qisu l-work bench u minghalih kien qed jippuntah lejn il-bieb, ma jahsibx li kien qed jippuntah lejh. Mistoqsi dwar jekk kien hemm xi zarbun jew pappocc jghid li kienet hadet wahda biz-zraben u bdiet taghtih meta kienet fethet il-bieb u tajrithom jghid li '*kien waħda miż-żraben tiegħi li kienet ħadet u bdiet tagħtina biha mbagħad qabdet u telqet l'hemm biex jekk konna ser naħarbu ma jkollnix biex naħarbu fiżikament. Wkoll jekk nista' nżid kien hemm ħin minnhom ukoll fen kellna l-pajp just ħaditulna minn idejna u kienet ser tagħtina bih hi so hekk ma ndunajnix li ser tiġi*

*kontrina.'* Ikkonferma li fil-garaxx kien hemm karozza ta' ommu u kienu hadulha c-cwievet '*just konna ser nużawha bħala bargaining chip, qisu biex naraw jekk nistgħux noħorġu mid-dar jew le imma kien qisu kollu għal xejn jiġifieri.*'

Dwar id-deodorant spray qal li '*kien hemm deodorant li hija kien qed juża qisu biex jipproteġi lilu nnifsu għax anke per eżempju ħin minnhom fejn bdiet tagħtini bis-sieq hi bla kontrol, hija qisu biex iwaqqafha just sprejjalha ħalli qisha tieqaf bħall meta l-pulizija għandhom il-pepper spray użajnih bl-istess mod li qisu biex tieqaf tagħtina u kellna biżżejjed ċans naħarbu fil-kamra tal-banju fejn imbagħad reġgħet ġiet tagħtina.*'

Il-bieb tal-kamra tas-sodda sakruh permezz ta' kaxxex wara l-bieb. Dakinhar ma kellux izda gurnata minnhom kellu recorder. Jiftakar li kienu uzaw pajpjiet biex izommu d-distanza minnha. Ma jiftakarx tefax xi zejt tal-karozza lil ommu. Pruvaw johorgu mill-bieb ta' quddiem, pruvaw johorgu mill-garaxx ukoll. Kienu qeghdin jghidu lil ommhom biex johorgu mill-gallarija wkoll. Tellghu fuq il-bejt imbghad baghtet iz-zijiet ukoll fuq il-bejt biex jimblukkawlhom l-bieb ghax huma ma kienux certi x'ser jaghmlu fuq il-bejt, qisu kif kienet ser jghajtu ghall-ghajnuna imma mbghad qisu kien imblukkat ukoll. Meta spicca l-access gie ghalihom missierhom, ma jafx kemm kien ilu jistenna ghax kienu msakkrin fuq. In ri-ezami rega mistoqsi dwar id-driller, ikkonferma li kien imqabbad izda ma kienx jahdem.

***Omissis*** xehed quddiem din il-Qorti ukoll bil-procedura tal-video conferencing fis-seduta tat- 23 ta' Lulju 2019. Mistoqsi jekk jaf ghaliex qieghed hawn illum wiegeb '*Ehe...my mother*', '*When she abused me in one of my visits*'. Dan gara f'Awissu tas-sena 2017. Kienu marru ghal visit ma ommhom hu, huh u ohtu. L-omm riedithom imorru l-quddies u ridithom imorru jinhaslu u qalulha li jistghu jmorru l-gurnata ta' wara ghax jahseb li dik il-gurnata kienu naqra ghajjenin. Jghid li bdiet theddidhom li jekk ma jmorrux jinhasslu ha jibqghu god-dar msakrin u lil ohtu ha tehodha x'imkien. Baqghet targumenta u theddidhom li se jibqghu imsakkrin god-dar u ghalqu l-bieb u qabdet tghajjat u tghidilhom li se jibqghu msakkrin go din id-dar il-visit kollha. Ghalqu lilhom infushom biex ma tidholx u toqghod tghajjat maghhom u wara marru jorqdu. Imbaghad il-gurnata ta' wara beda kollox. Jghid li '*Aħna ridna noħorġu barra mid-dar ma ridniex noqgħodu magħha għax konna nafu li kienet ser tagħmel xi ħaġa u wara morna ... għalaqna l-bieb u hi kienet filgħodu waqt li konna reqdin irnexxiela tidħol u qgħadet*

*tittantana billi tieħu ritratti u mbagħad aħna mbagħad aħna mbagħad erġajna pruvajna nagħlqu l-bieb lura. Aħna pruvajna naħarbu mid-dar għax aħna ridna morru lura lejn missierna ma ridniex noqgħodu magħha wara li baqgħet theddidna li ħa nibqaw imsakkrin ġod-dar. Imbagħad aħna pruvajna naħarbu u kull bieb kien imsakkar, imbagħad hi meta tlajna lura fuq kienet quddiem it-taraġ u bdiet .. u qabdet tirfes għax kienet qed tweġġgħu ħafna għax rajtu minn wiċċu. Waqqaftha mbagħad jiena mort naħrab fit-toilet u pruvajna nagħlqu l-bieb u rnexxiela tifthu ... waqqatni mal-art u qabdet tagħtini. Imbagħad jiena rnexxieli naħrab u erġajt mort lura ġol kamra ma' hija.'* Jghid li ghandha l-cameras madwar id-dar, ir-ritratti ta' CCTV urihomlu missieru, huwa gie muri r-ritratti u gharaf lilu, lil huh u lil ommu u spjega x'kien qieghed jigri minn dak li jidher fir-ritratti fosthom l-omm timbotta lilu u lil huh, l-omm tigri warajh u jiprovaw jaharbu,, meta qabditu minn wara u kienet se taqbad u titfghu mal-art, meta waqqatu mal-art u kienet ser taqbad taghtih, meta l-omm heddedt lil huh, meta rifset fuq sieq huh u kienet qed thedd, meta kienet qed tirrabja ma huh u tirfsu fuq saqajh. Jghid li jahseb li kienet tefghet zarbun lejh jew lejn huha. Ma jiftakarx il-kanna taz-zejt. Huwa kien qabad driller ma kienx imqabbad u kien imkisser. Dwar deoderant jghid li kien kemm sprejja ftit hekk l-iktar lejn zaqqha ghax hi twila iktar minnu. Pruvaw jaharbu mill-garaxx u mill-main door u telghu fuq il-gallarija, jghid li mid-dehra kienet irnexxilha ssakkar, ghamlet il-mejda quddiem il-bieb tas-saqaf. Irnexxilhom jifthu l-bieb u pruvat titla bis-sellun fuq is-saqaf izda lanqas telghet fuq is-sellun. Jghid li telghu fuq il-bejt u sakru l-bieb mill-ewwel x'hin rawha. Dwar jekk marx ghand tabib dak innhar jghid li jahseb polyclinic tal-Mosta. Jahseb li kellu jiehu x ray. Gieli rah ic-certifikat a fol 40 tal-atti processwali. Jikkonferma li dawk huma l-feriti li kellu '*għax kienet qabditni u meta tefgħatni mall-art kont weġġajt għax kien hemm ġebla u hemm tarġa. It-tarġa mhix leveled mall-art u jien lqgħat dik it-tarġa u ġejt mall-ponta. Dik li niftakar li kienet tuġgħani ħafna.*' Mistoqsija in kontro-ezami meta pruvaw jaharbu mill-garaxx jew mill-main door jekk zammithom jew fethilhom il-bieb biex johorgu qal li zammithom, qatt ma fethet il-bieb. Meta huma jolqtu l-levers tal-garaxx hi kienet terga d-dahhalhom lura. Din hafna drabi. Telghu fuq il-bejt biex jaharbu imma ma kellhomx mod biex jaharbu minn fuq il-bejt. Mistoqsi ghala riedu jaharbu, jekk xi hadd kien qed jistennihom jew ghal xi raguni ohra wiegeb '*Le għax hi kienet qed*

*tagħtina u hekk u aħna ma rajnix ... aħna ridna noqogħdu bi kwietna ma' missierna u konna nafu li hi dejjem theddidna.'*

Cahad li ommhom qatt ma missithom u li qatt ma sawtithom. Ikkonferma li qabel ma gie hawn tkellem ma huh. Ma misieru tkellem ukoll u qallu biex jghid il-verita' u jghid x'gara. Iddiskuta l-kaz ma huh. Ilu ma jara lil ohtu xi xahar jew xahrejn, jghid li f'wahda minn dawk tal-Apoogg u huh kien mieghu. Mistoqsi kif huh qal li ilu ma jara lil ohtu ghal xi sena, wiegeb li jahseb sena ghax kienu rawha l-Appogg lil ohtu mhux lil ommu. Lil ommu sentejn ilu ma jaraha. Jghid li ommu ghandha preferenzi ma ohtu. Jghid li '*ma tridx tara lil xi ħadd li kien qed iżomm ma xi ħadd li kien jabbużak.*' Missieru kien jghidilhom biex jiehdu gost u li ommhom se tinbidel imma ma nbidlitx. Jekk tinbidel jixtieq jaraha, jixtieq jaghtiha cans iehor.

Fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2019 quddiem din il-Qorti xehdet **Luana Pace** fejn spjegat li tahdem mal-Appogg u f'Awwissu meta gara l-kaz kienet is-supervisor tal-kaz ta' Maria Victoria. Meta waslet ghal *monitoring* Maria Victoria haditha fil-garaxx biex tkellimha x'kien gralha minhabba t-tfal, qaltilha li kienu qeghdin jaghmlulha xi sapun fit-tarag biex tizloq, ppruvaw isawtuha wkoll b'xi pajp. It-tfal subien qalulha li xtaqu jkellmuha wahedha u marret fil-kamra tas-sodda biex ikellmuha u qalulha li ghandhom hafna dbengil u grif li ghamlitilhom ommhom. It-tfal dehru anzjuzi x'hin kellmuha. Marret fil-kcina u Maria Victoria staqsiethom biex turi quddiemha fejn huma dbengil tat-tfal u huma qalulha ara l-cameras li ghandek id-dar. Reghu marru fil-kamra u regghet marret tkellimhom u tghid li bidlu l-verzjoni taghhom fejn l-ewwel darba li kelmuha qalu li kienu fil-kcina meta sawtithom u t-tieni verzjoni kienet li kienu fil-kamra tal-banju.

Huma rrifjutaw li joruha d-dbengil, staqiethom humiex komdi juruha u qalu le ma riedux. Huma kienu bil-hwejjeg tas-sajf u sa fejn setghet tara ma kellhom l-ebda' dbengil jew grif. In kontro-ezami spjega li kienet ilha ssegwih l-familja ftit xhur dik is-sena tal-elfejn u sbatax. Kienet tmur ta' kull gimgha *monitoring,* darba fil-gimgha. Kienet *monitoring* ma' Maria Victoria waqt il-hin tat-tfal meta kien ikollhom l-access tat-tfal id-dar. Spjegat li montioring surprise visit, hadt ma jkun avzat li ha jmorru fit-tali hin. Monitoring idum siegha. Ma tiftakarx x'isimhom it-tfal. Spjegat li hi support social worker mhux social worker. Xoghlha ta' supervisor li jqabduha s-

social workers li tmur fuq Il-kaz front liner mal-klijenti taghhom. Dejjem jinbidlu. Spjegat li t-tfal kienu hafna tensed minghajr *eye contact* lejha waqt li kienu qeghdin ikelmuha. Mhuwiex xoghlha li ticcekja CCTVs u ma ccekjathomx. Xehdet minn dak li qalulha ghax meta graw l-affarijiet ma kinitx maghhom.

**Omissis** xehed fis-seduta tas- 27 ta' Frar 2020 fejn spjega li huwa r-ragel ta' *Omissis* u missier Omissis u Omissis[10]. Ikkonferma li ghaddej bil-proceduri tas-separazzjoni minn mal-mara l-akkuzata. It-tfal kienu jghixu mieghu u hi kellha access u spjega li '*meta ġejt għalihom lura infaqgħu jibku fil-karozza. Iż-żgħir Omissis kien kważi isteriku u qaluli li kienu għamlu l-weekend sħiħ maqfulin ġewwa fejn l-omm għajjrithom, sawtithom diversi drabi. Għajjtet anke lill-familjari li jiġu minnha biex jedduhom u qaluli li weġġaw, kellhom darhom juġahom għax wieħed minnhom jiġifieri tefathom mall-art u tagħtu bis sieq ġo daru, illi l-ieħor kellu l-grif u dan jiġifieri minn barra li diġa' kien hemm fi drabi oħra. Jiena mort mill-ewwel il-Mosta u skużani għax ridt inżidielek it-tifla ma qalet xejn.*' Hadhom il-*poly clinic* tal-Mosta u fejn hemm l-ghassa tal-Pulizija u qalilhom x'gara. Hadhom il-poly clinic fejn ghamlu certifikat u l-pulizija qaltu li ha tara kif taghmel arrangement biex tkellem lit-tfal dirett pero' mbaghad qatt ma kienet ghajtitilhom, mbaghad marru mill-ewwel ghal din il-kawza. Jghid li s-sinjura baghtet dvd il-Qorti fejn kien hemm CCTV footage biex turi affarijiet ohra pero' kien hemm ukoll is-swat u prezentatu fil-Qorti Civili.

Jghid li kien hemm il-Qorti Kriminali u reghet prezentat l-istess DVD pero′ nehhiet xi ritratti fejn kien hemm it-tfal gharwenien reqdin f'sodda. Huwa kellem lil kbir biex ifehmu x'gara ghax ma kienx prezenti, raw l-bicciet fejn sawtithom mid-DVD li prezentat hi stess, dawk l-istills prezentawhom izda jghid li milli qalulu t-tfal mhumiex dawk biss l-episodji li sawtithom imma fil-weekend kien hemm *occurances* ohra. Ikkonferma li huma stills mill-filmat li baghtet Victoria. B'referenza ghal fol 40 u 41 jghid li mhux jaghraf il-*hand writing* sew imma bhala dati dakinhar kienu. Jghid li lil Qorti Civili wara li rat id-DVDs li gew sottomessi minn Victoria, waqqfet l-access u dahlet il-psikjatra tal-Appogg li fic-Civil xi xahar ilu gie kkonfermat li tfal tul is-separazzjoni kollha ghaddew minn trawma sostanzjali.

---

[10] Dan l-isem ghandu jaqra 'Edin'.

In kontro-ezami kkonferma li t-tfal jirrisjedu mieghu u t-tifla mal-mara. Jghid li t-tifla giet *alienated* mill-omm ghalkemm ga abbuzata. Dakinhar kienu t-tlieta mieghu, il-kustodja kongunta pero' r-residenza kienet ghandu. Hu jaghtiha access ghalihom. Jaghmel referenza ghal ritratti li esebiet fil-Qorti Civili tat-tfal gharwenin ghax kellhom sun burn, li ma kienux ritratti xierqa tat-tfal u turi li ma tistax tafdaha mat-tfal. Jichad li dak in-nhar tac-CCTV kien qieghed jistennihom wara l-bieb. Jghid li meta sar il-hin biex jigi ghalihom. Cahad li kien wara l-bieb il-*weekend* kollu.

Ikkunsidrat;

Ghalhekk jirrizulta li hemm verzjonijiet konfliggenti dwar dak li sehh fil-jiem mertu tal-imputazzjoni. Minn naha wahda hemm il-minuri li jghidu li ommhom sawtithom u heddidthom diversi drabi u jallegaw ukoll li konsegwenza ta' dan, huma sofrew griehi kif ukoll il-missier li jixhed dwar dak li allegaw il-minuri dwar ommhom. Umbaghad minn naha l-ohra ghalkemm l-appellanta ma xehditx la quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas quddiem din il-Qorti, tirrizulta l-verzjoni moghtija minnha lil Pulizija, liema verzjoni ma gietx attakata da parti tal-appellanta tul dawn il-proceduri minkejja li filwaqt li jirrizulta li giet moghtija id-dritt tas-silenzja u anke li tkellem avukat tal-fiducja taghha qabel tigi mitkellma u rrifjutat dan id-dritt, skont dak li jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija u mill-affidavit ta' Wps 224 Susanne Mifsud, ma jirrizultax jekk gietx moghtija d-dritt li jkollha Avukat prezenti.

Din il-Qorti sejra ghalhekk tqis il-verzjoni moghtija mill-appellanta meta mghajta l-Ghassa tal-Pulizija bhala prova ammissibli. In oltre' gew ipprezentati filmati fl-atti u ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni dwar l-awtenticita' taghhom ghalhekk din il-Qorti sejra tqishom ukoll bhala provi ammissibli.

Din il-Qorti fliet l-atti u anke il-filmati u tinsab preokkupata b'dak li rat fil-filmati. Din il-Qorti sejra naturalment tiffoka fuq il-filmati mertu taz-zewg granet mertu tal-imputazzjoni u mhux fuq filmati ohra esebiti li jindikaw dati ohra mhux mertu ghal dawn il-proceduri. Il-minuri fil-filmati esebiti ma jidhrux imbezzghin minn ommhom l-appellanta, anzi pjuttost jidhru qeghdin jaghmlu atti li permezz taghhom jisfidaw lill-appellanta, u jaghmlu minn kollox biex jipprovaw jaharbu mid-dar u dan billli jipprovaw kemm il-darba jifthu l-bieb tal-garaxx. F'wiehed mill-filmati, l-minuri l-kbir jidher jiprova jahtaf dak li qisu telefon cellulari minn idejn ommu u l-

omm tirreagixxi u dan fejn jirrizulta li bhal donna tirfsu, sussegwentement jidher l-izghar minuri fejn jidher juza spray fid-direzzjoni tal-omm.

In oltre' jirrizultaw filmati ohra fejn il-minuri li din il-Qorti qieghda tidentifikah bhala l-wild il-kbir jaghfas lill-appellanta bejn il-hajt u l-bieb, l-izghar iben jidher qisu ixejjer oggett fid-direzzjoni tal-appellanta, li din il-Qorti qieghda tifhem li kien il-kontenitur li setgha kien fih xi likwidu bhal zejt li d-difiza taghmel referenza ghalih waqt il-kontro-ezami tal-minuri. L-appellanta tidher minn naha l-ohra taghmel minn kollox biex it-tfal ma jaharbuliex mill-garaxx, fejn timbotta lil minuri f'xi waqtiet anke b'certu forza, tant li wiehed mill-minuri jidher jahbat mal-bieb. Fl-istess filmat jidher wiehed mill-minuri jaghmel idejh fid-direzzjoni ta' wicc l-appellanta, u fejn l-appellanta tuza certu forza biex timbotta lil minuri mill-garaxx ghal gewwa d-dar, tant li l-izghar wild jidher jirrezisti u l-omm tibqa' timbottah il-gewwa bil-konsegwenza li jispicca mal-art. Jirrizulta anke filmat fejn il-minuri jergghu mmorru fid-direzzjoni tal-bieb tal-garaxx u jiprovaw kemm il-darba jghollu jew inizzlu l-firolli, fejn l-appellanta terga ghal darba ohra timbotta lil minuri 'l boghod mill-bieb u fejn l-izghar minuri jidher itajjar in-nuccali tal-appellanta minn wiccha.

Din il-Qorti tqis dawn l-atti tassew inkwetanti, fejn huwa evidenti li l-minuri mhux biss ma jidhrux mbezzghin anke jekk xi drabi jidhru li qeghdin jigru l-boghod minn l-appellanta u l-appellanta tigri warajhom, izda pjuttost bdew jaghmlu minn kollox biex jipprovokaw lil omm u fejn l-omm tidher qisha bhal donna qieghda tghum kontra l-kurrent tiprova tikkontrolla z-zewg ulied.

Ghalkemm missier il-minuri, Omissis jixhed li t-tfal qalulu li kien hemm aktar incidenti fil-*weekend* in kwistjoni u mhux dak biss li jidhru fil-filmati u anke l-minuri fix-xhieda taghhom jaghmlu referenza ghal incidenti li sehhew fil-*bathroom* u fil-kamra tas-sodda, din il-Qorti sejra tistrieh fuq dak li jidher fil-filmati u cioe' fil-garaxx, fil-kurutur tad-dar u fit-tarag. Din il-Qorti qieghda taghmel dan stante li kif ikkunsidrat, il-filmati jaghtu xejra differenti minn dak li xehdu l-minuri fis-sens li ghalkemm il-minuri xehdu li indunaw li gej xi *trouble*, u li qisu bhal donnu dak li ghamlu, ghamluh biex jiddefendu lilhom infushom, mill-filmati ma jirrizultax li l-minuri kienu qeghdin jaghmlu atti ta' legittima difeza bhala rizultat tal-agir ta' omm.

Din il-Qorti qieghda zzomm quddiem ghajnejha ukoll il-fatt li mill-filmati esebiti jirrizulta li din ma kinitx l-unika darba li l-minuri riedu jaharbu mid-dar, tant li gie pprezentat filmat fejn il-minuri jidhru jaharbu l'barra mill-garaxx. Ghalhekk din il-Qorti ma thoss li f'dawn ic-cirkostanzi jkun *safe and satisfactory* li toqghod fuq xhieda dwar dak li ma jidhirx fil-filmati minkejja li l-filmati esebieti ma jkoprux jumejn shah.

Mill-filmati jirrizulta li f'xi waqtiet kemm qabel ma l-omm irreagixxiet billi per ezempju imbuttat lil minuri b'certu forza u anke wara, l-minuri kif ikkunsidrat f'din is-sentenza ghamlu certu atti li ghandhom potenzjalita' li jaghmlu l-hsara u dan versu l-omm u cioe' versu l-appellanta. Mill-filmati esebiti huwa evidenti ukoll li s-sitwazzjoni kienet wahda riesqa ghal dik li tista' tissejjah '*out of control*' fejn bhal donnhom il-minuri riedu jaharbu mid-dar akkost ta' kollox. Din il-Qorti tqis li stante li uhud mill-atti maghmulha mill-minuri fil-konfront ta' ommhom kienu f'xi waqtiet tali li setghu jikkawzaw hsara fuq ommhom, din il-Qorti tqis li f'xi istanti r-reazzjoni tal-omm setghet kienet rizultat tal-provokazzjoni *ai termini* tal-artikolu 230(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' fejn l-offiza volontarja fuq il-persuna hija skuzabbli jekk '*(ċ) tkun ipprovokata minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna*'. Ma jirrizultax kjarament jekk l-appellanta hijiex tressaq il' quddiem id-difiza tal-provokazzjoni izda fil-parti dedikata ghal fatti fir-rikors tal-appell tnizzel b'referenza ghal minuri '*jipprovkaw b'certu ardita' l-appellanta omm kif ukoll b'mod perikoluz sia ghat-tfal u sia ghall-appellanta omm*' filwaqt li fit-tieni aggravju dwar in-nuqqaas ta' apprezzament tal-provi mill-Ewwel Qorti tnizzel ukoll li '*l-agir tal-uled juri bic-car li altru milli huma kapaci li jaslu biex jipprovokaw lill-appellanta omm...*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. S. Camilleri) Vs Nazzareno Carabott'</u>**[11]gie kkunsidrat li:

'*Din il-Qorti ukoll gharblet il-provi w riizultalha li dan l- incident kien l-istraxxiku ta' tilwim familjari li ta lok ghal kawza ta' separazzjoni bejn l-appellant u martu . Dan it- tilwim gie ezacerbat bl-azzjoni unilaterali tal-appellant li jitlob lill-EneMalta Corporation biex taqta' s-servizz tal- elettriku f' dik li hija d-dar konjugali bil-pretest li martu ma kienetx qed thallas il-kontijiet. Dan ta lok ghad-diverbu li nqala' quddiem id-dar t' omm l-appellant , fejn dak il-hin l- appellant kien wahdu ghall-kwiet jizbogh il-magna tal- fregatina. Dak li beda b'*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Jannar, 2009 (Appell Kriminali Numru: 157/2008)

*diverbju bejn l-appellant u martu eskala meta binthom adolexxenti Kim indahlet fin-nofs u bdiet tinterpella lll-appellant ghaliex qata' d-dawl. Meta dan injorha, din qabditlu l-bott taz-zebgha w mhux biss ma tatulhux lura izda addirittura tefghetulu biz-zebgha b' kollox u laqtitu. Hawn l-appellant mar gab bicca pipe u beda jxejjer bih u jidher li laqat kemm lll-martu kif ukol lill- bintu w kkagonalhom feriti ta' natura hafifa. Ic-certifikati medici ma kienux gew kontestati mid-difiza tal-appellant.*

*Fic-cirkostanzi, l-appellant ma jistax jghid li kien qed jagixxi in legittima difeza li kif inhu risaput triq tkun azzjoni kontra perikolu gravi, ingust w inevitabbli. Mill-banda l- ohra certament li f' xi hin parti mir-reazzjoni tal-appellant kienet provokata mill-azzjoni inkonsulta ta' bintu Kim, li tefghetlu l-bott taz-zebgha w laqtitu. Dan kien jaghti lok ghall-applikazzjoni tal-attenwanti kontemplata fl-artikolu 230 ( c ) kif ukoll (b) tal-Kodici Kriminali. Zgur li bit-tfiegh tal-bott biz-zebgha minn Kim Carabott lill-appellant, dan kien provokat minn delitt ta' kull xorta li jkun, kontra l- persuna. Mhux biss imma fil-fehma konsiderata ta' din il- Qorti meta l-appellant beda jxejjer bil-pipe tal-plastic, hu kien ukoll taht l-influwenza immedjeta ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li minnhabba fiha, fil- waqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu. F' nies ta' temperament normali, li binthom titfaghlhom bott mimli zebgha ghal wicc dak li jkun jista' facilment u komunement igib l-effett li dak li jkun ma jkunx kapaci li jqis l-eghmil tieghu. Dan l-attenwanti pero' mhux skriminanti w l- appellant xorta irid jirrispondi ghall-eghmil tieghu.'*

Dwar id-difiza tal-provokazzjoni, fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Alan Gauci'**[12] gie kkunsidrat li:

*'Illi l--provokazzjoni biex tkun skuzabbli trid tkun provokazzjoni legalment valida. Illi biex tkun legalment valida trid tkun l-ewwel u qabel kollox torigina minn delitt li mhux il-kaz hawnhekk, kif ukoll li trid tkun b'reazzjoni ta' bniedem b'temperament ordinarju u b'reazzjoni proporzjonata.*

*Illi skond l-awtur rinomati **T.H. Jones** u **M.G.A Christie** jispjegaw li kull rejazzjoni trid illi: "the force must be both necessary in the circumstances and proportional to the threat which is being combated human life, including that of an assailant, should not be taken unnecessarily. This means that an accused is not justified in killing an assailant where a non-fatal response would be sufficient to counter the attack....*

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-4 ta' Lulju, 2013 (Appell Kriminali Numru: 472/2012)

*The degree of force used in retaliation by the accused must not be disproportional: it must not exceed what is reasonably necessary in the circumstances .*

*In* ***Doherty Lord Keith*** *emphasised that the jury had 'to consider the question of proportion between the attack made and the retaliation offered'. The nature of the attack which is being countered is of particular relevance in determining the proportionality or otherwise of the degree of retaliatory force used by the accused. The law appears to be that an accused can never be justified in using fatal force to combat what he knows to be a non-fatal attack."*

*If there are means of escape from the attack available, there is an obligation to use them. There is a duty to retreat rather that use fatal force against the assailant The rationale for this rule is that it is consistent with the general principle that, out of proper respect for the value of human life, fatal force should not be inflicted other than when absolutely necessary."*

*Illi huwa car li l-appellat kien motivat b'sens ta' tpatija ezagerata u mhux provokazzjoni ghax baqa jehwden biha tul ta' zmien u ma strahx sakemrn wettaq dik it-tpattija. Illi l-mottiv tat-tpattija qatt ma tista tigi kkunsidrata bhala dak li ghandu legalment jigi ikkunsidrat bhala provokazzjoni.*

Fl-istess sentenza, gie kkunsidrat li:

*'Mamo ikompli jispjega wkoll illi "provocation to be admitted as an excuse requires also that the reaction shall he proportionate It is essential that the wounding, etc., should have been inflicted immediately upon the provocation being given: for if there is a sufficient cooling time for the passion to subside and reason to interpose and gain dominion over the mind, and the person so provoked afterwards kills the other, this is deliberate revenge, and not heat of blood. "'*

Din il-Qorti izda lil hin mill-kwistjoni jekk l-appellanta f'xi istanti kinitx provokata mill-agir tal-minuri, tqis li minkejja li f'certu mumenti, ir-reazzjoni tal-appellanta versu l-ulied kienet b'certu forza bhala meta imbuttat lil minuri il-boghod mill-garaxx u anke meta imbutattat lil minuri ghal gewwa d-dar bil-konsegwenza li wiehed mill-minuri waqa, ma jistax jinghad li gie ippruvat li l-agir tal-imputata kien wiehed intiz sabiex jaghmel hsara lill-uliedha izda kien sforz kemm l-appellant pruvat tikkontrolla lil uliedha inkluz biex ma jaharbux waqt il-hin tal-access.

Din il-Qorti tqis li anke jekk l-ulied setghu soffrew griehi bil-mod ta' kif gew *handled* f'dik is-sitwazzjoni, ma jistax jinghad li gie ppruvat sufficentement li l-omm hebbet ghalihom u cioe' ma jirrizultax li l-appellanta marret biex tagredihom u cioe' biex tikkawzalhom hsara u lanqas ma jirrizulta pruvat li griehi sofferti kienu kkagunati mill-appellanta volontarjament.

Din il-Qorti izda taghmilha cara li kien ikun idoneu f'dik is-sitwazzjoni li l-appellanta titlob l-ghajnuna minghand il-Pulizija jew lil professjonisti tal-Agenzija Appogg fil-mument li rat li s-sitwazzjoni setghet tigi '*out of control*' u mhux tipprova tikkontrolla lil ulied bil-mod taghha, bil-konsegwenza li l-minuri setghu soffrew griehi anke jekk mhux voluti mill-omm. Din il-Qorti naturalment ma hijiex se tiehu post il-Qrati Civili tal-Familja stante li dan ma jaqax fil-kompetenza taghha, biss pero' tittama li l-minuri qeghdin jircievu l-ghajnuna sabiex jghelbu d-diffikultajiet li separazzjoni tal-genituri taghhom possibilment poggiet fuqhom.

Ghalkemm xehdet haddiema tal-Agenzija Appogg, ma jirrizultax kjarament jekk il-membri tal-familja kollha u cioe' l-omm, il-missier u l-minuri qeghdin jigu segwiti mill-Agenzija Appogg. Din il-Qorti ghal dan il-ghan sejra tinnotifika l-Agenzija Appogg sabiex jigi accertat li kemm l-omm, il-missier u anke l-minuri jircievi l-ghajnuna adegwata mehtiega.

**In oltre' din il-Qorti tittama li dan mhuwiex kaz ta' *parental alienation* u cioe' meta genitur jghawwar lit-tfal kontra l-genitur l-iehor xi kultant anke mhux intenzjonalment, bir-rizultat li tfal jibdew iqisu li genitur wiehed jaghmel kollox tajjeb u l-genitur l-iehor jaghmel kollox hazin. Hija tassew hasra li t-tfal jispiccaw ballun f'saqajn il-genituri taghhom waqt li jkunu ghaddejin proceduri ta' separazzjoni bejn il-genituri taghhom bil-konsegwenza li mhux biss jaghmlu hsara emozzjonali lil genitur izda lilhom infushom ukoll. Quddiem din il-Qorti ma xehdet l-ebda psikologa dwar dan u ghalhekk din il-Qorti sejra tieqaf hawn, izda temfasizza li t-tfal ghandhom ikunu salvagwardati f'kull cirkostanza u ma ghandu qatt jitpogga piz fuqhom u lanqas li d-differenzi ta' bejn il-genituri jaqghu f'hogor il-minuri. Din il-Qorti taghlaq billi taghmilha cara li agir aggressiv**

**mhuwiex accettabli fl-ebda cirkostanzi u dan la mill-genituri versu l-ulied u lanqas mill-ulied versu l-genituri.**[13]

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell u thassar s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanta minn kull htija u piena.

**Din il-Qorti tordna d-divjett tal-pubblikazzjoni ta' isem u kunjom il-minuri kif ukoll il-genituri u cioe' missier il-minuri u l-akkuzata fi kwalunkwe mezz ta' kommunikazzjoni.**

**Din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kommunikata lil Agenzija Appogg sabiex l-minuri kif ukoll il-genituri jircievu jew ikomplu jircievu dik l-ghajnuna mehtiega fic-cirkostanzi.**

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[13] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti